


Dwar RAPPORT DWAR IS-SIGURTÀ KIMIKA TA' UTENT DOWNSTREAM (DU CSR)

Pariri ta' REACH/CLP għall-utenti ta' sustanzi kimiċi

ECHA-19-B-12-MT

Meta tirċievi xenarji ta' esponent (ESs) annessi ma' skedi ta' data ta' sigurtà (SDSs), jeħtieġ li tiċċekkja li l-użu tiegħek u l-kundizzjonijiet tal-użu huma koperti fl-ES ipprovdu mill-fornitur tiegħek. Jekk le, għażla waħda tkun li thejjji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream (CSR tad-DU). Dan id-dokument jiddeskrivi l-passi ewlenin.

It-tħejjija ta' rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream (CSR tad-DU) - il-passi ewlenin



CSR tad-DU probabbilment ikun l-għażla preferuta jekk:

- trid iżżomm l-użu tiegħek bħala kunfidenzjali
- l-użu mhuwiex irrakkomandat mill-fornitur tiegħek iżda inti tikkunsidra li r-riskju jkun ikkontrollat
- il-fornituri tiegħek ma jridux jinkludu l-użu fl-ES tagħhom ipprovdu lilek għas-sustanza meta tikkuntattjhom.

Dan xi jfisser għal kumpanija li tuża s-sustanzi kimiċi?

CSR tad-DU jista' jkun sempliċi jew kumpless, jiddependi mis-sitwazzjoni. Il-kompetenza meħtieġa hija normalment dik ta' prattikant tas-saħħa u s-sigurtà ambjentali (EHS), li jista' jiċċekkja x-xenarji tal-esponent u jwettaq il-valutazzjonijiet tar-riskju kif meħtieġ minn leġiżlazzjoni tal-EHS oħra u li jista' jirrikoxxi meta jkun meħtieġ għarfien espert ikbar biex titwettaq il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika.

Qabel ma tibda, iċċekkja dan li ġej:

- Hemm għażliet oħrajn possibbli, bħall-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu jew is-sostituzzjoni b'sustanza/bi proċess alternattivi aktar siguri jew titlob lill-fornitur tiegħek sabiex ikopri l-użu tiegħek?
- Hemm xi eżenzjonijiet applikabbi (pereżempju,

jekk l-użu tiegħek huwa inqas minn tunnellata 1 kull sena)?

- L-organizzazzjoni tas-settur tiegħek ħejji valutazzjonijiet xierqa abbażi tas-settur?
- Tista' tieħu vantaġġ mill-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa fuq is-sit taħt leġiżlazzjoni oħra tal-EHS?

Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni ... dwar RAPPORT DWAR IS-SIGURTÀ KIMIKA TA' UTENT DOWNSTREAM (CSR tad-DU)?

- Gwida Prattika 17 tal-ECHA "Kif tħejji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream", ara: http://echa.europa.eu/documents/10162/13655/pg17_du_csr_final_mt.pdf
- Għal aktar informazzjoni dwar il-verifikasi ta' xenarji ta' esponiment, ara:
 - Gwida Interattiva dwar skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji ta' esponiment <https://echa.europa.eu/mt/safety-data-sheets-and-exposure-scenarios-guide>
 - Gwida Prattika 13 tal-ECHA "Kif utenti downstream jistgħu jindirizzaw xenarji ta' esponiment", ara: https://echa.europa.eu/documents/10162/13655/du_practical_guide_13_mt.pdf



Ikklikkja fuq it-tag biex
tfitex il-kontenut
rilevanti dwar l-utent
Downstream

Taggjati
bħala:

Utent downstream

...dwar l-UTENTI DOWNSTREAM?

- Il-paġni web li fihom informazzjoni mmirata speċifikament għal utenti Downstream ġew itteggjati kif xieraq. Ikklikkja fuq it-tag biex issib il-lista tal-kontenut rilevanti.